A.L. 163 tal-2009

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TAL-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' l-Emissjonijiet tal-Komposti Organiċi Volatili - KOV (Ħażna u Distribuzzjoni ta' Petrol mit-*Terminals* lejn Stazzjonijiet tal-Petrol)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 3, 9 u 28 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' l-Emissjonijiet tal-Komposti Organiċi Volatili - KOV (Ħażna u Distribuzzjoni ta' Petrol mit-*Terminals* lejn Stazzjonijiet tal-Petrol) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2009 dwar il-Kontroll ta' l-Emissjonijiet tal-Komposti Organiċi Volatili - KOV (Ħażna u Distribuzzjoni ta' Petrol mit-*Terminals* lejn Stazzjonijiet tal-Petrol) iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 54 tal-2009.

Jemenda regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-test Ingliż biss, minflok it-tifsira "existing petrol storage installations, loading installations, service stations and mobile containers" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

"existing service stations" means service stations granted development planning consent before the 30 June 2012;";

(b) fit-test Ingliż biss, minflok it-tifsira "new petrol storage installations, loading installations, service stations and mobile containers" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

"new service stations" means service stations granted development planning consent after the 30 June 2012;"; u

(ċ) fit-test Malti, it-tifsiriet "istallazzjonijiet ta' ħażna tal-petrol, istallazzjonijiet għat-tagħbija, stazzjonjiet tal-petrol u *containers* mobbli eżistenti" u "istallazzjonijiet ta' ħażna tal-petrol, istallazzjonijiet għat-tagħbija, stazzjonijiet tal-petrol u *containers* mobbli ġodda" wara t-tifsira "ħażna temporanja ta' fwar" għandhom jiġu mħassra.